# L-Emofilja fi stampi



# Ir-raba' parti

Kif tibqa'
f'saħħtek u
tipprevjeni
emorraġija

Ir-raba' parti
Kif tibqa' f' saħħtek u tipprevjeni emorraġija

[Type here]

L-emofilja fi stampi

*© World Federation of Hemophilia, 2005*

*Oriġinarjament, din il-pubblikazzjoni kienet ippubblikata bl-Ingliż mill-World Federation of Hemophilia (WFH) u ġiet trodotta bil-permess.*

*Id-WFH mhix responsabbli għal din it-traduzzjoni jew għal żbalji jew tibdil fil-kontenut minn dak li jidher fl-edizzjoni oriġinali bl-Ingliż.*

*Din il-pubblikazzjoni hija waħda minn sensiela ta' kapitli. Id-WFH tinkoraġġixxi lill-qarrejja biex jikkonsultaw mal-kapitli kollha f'din il-pubblikazzjoni.*

*Din il-pubblikazzjoni ġiet trodotta u stampata mill-Malta Bleeding Disorders Society, 2021.*

MBDS MALTA BLEEDING DISORDERS SOCIETY

WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia

# Ir-raba’ parti: Kif tibqa’ f’saħħtek u tipprevjeni emorraġija

- X’tista’ tagħmel biex tibqa’ f’saħħtek?
- Għala s-saħħa tas-snien hi importanti?
- Għala s-saħħa emozzjonali hi importanti?
- X’jiġri jekk ikun hemm bżonn operazzjoni?
- X’jiġri jekk ikun hemm bżonn ta’ mediċina jew tilqim?
- Liema huma r-reazzjonijiet allerġiċi għal trattament?
- Liema informazzjoni għandha tkun dejjem mal-persuna li tbati bl-emofilja?
- Minn fejn tista’ ssib l-għajnuna jew tingħata parir dwar l-emofilja?

WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA



© World Federation of Hemophilia

# X’tista’ tagħmel biex tibqa’ f’saħħtek?

**It-trattament mediku huwa biss parti waħda għal saħħa tajba. Persuni bl-emofilja għandhom:**

- Jagħmlu l-eżerċizzju u jibqgħu f’saħħithom.
- Jilbsu l-protezzjoni adattata għall-isport jew l-attività li qed jagħmlu.
- Jagħmlu check-ups, li jinkludu eżaminazzjoni tal-ġogi u l-muskoli, b’mod regolari.
- Jieħdu t-tilqim rakkomandat, inkluż dak tal-hepatitis A u l-hepatitis B.
- Jieħdu ħsieb il-piż tagħhom. Persuni li ma jagħmlux eżerċizzju għandhom aktar ċans li jżidu fil-piż. Persuna bl-emofilja għandha tikkontrolla l-piż tagħha sabiex ma jkunx hemm stress żejjed fuq il-ġogi, speċjalment jekk il-persuna tbati bl-artrite.













WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia

## Għala s-saħħa tas-snien hi importanti?

- Snien u ħanek b’saħħithom inaqqsu l-ħtieġa li jkun hemm bżonn trattament għall-emofilja.
- Kura dentali regolari tnaqqas il-bżonn ta’ injezzjonijiet u operazzjoni.
- Kura dentali għandha tinkludi ħasil tas-snien, flossjar u check-ups għand id-dentist.





WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia

# Għala s-saħħa emozzjonali hi importanti?

**Li tgħix bl-emofilja tikkawża l-istress. Dan l-istress jista’ jaffettwa lill-familjari, kif ukoll lill-persuna bl-emofilja.**

Għandu jgħin li:

- Titgħallem kemm tista’ dwar l-emofilja. L-għarfien jgħin biex il-persuna tħoss li għandha iktar kontroll.
- Tiltaqa’ ma’ persuni oħra li jbatu bl-emofilja. Li taqsam l-għarfien dwar il-kundizzjoni jgħin biex inaqqas mill-istress.
- Tingħaqad ma’ organizzazzjoni għal persuni bl-emofilja.




WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia

## X’jiġri jekk ikun hemm bżonn operazzjoni?

**Qabel operazzjoni, jew operazzjoni jew injezzjonijiet fis-snien, ħaddiema tas-saħħa għandhom:**

- Ikollhom biżżejjed prodott għat-trattament biex jikkontrollaw id-dmija waqt il-proċedura, kif ukoll għal fejqan komplut.
- Jittestjaw għall-inbituri.
- Jikkunsidraw tip ta’ medikazzjoni oħra li tgħin biex jgħaġġlu l-proċess għall-fejqan, bħal pilloli li jmewtu l-uġigħ. L-***Antifibrinolytics*** jistgħu jintużaw biex iwaqqfu t-tkissir ta’ demm magħqud fil-ġisem.




WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia

# X’jiġri jekk ikun hemm bżonn ta’ mediċina jew tilqim?

## X’għandek tagħmel

- Iċċekkja l-mediċina kollha ma’ ħaddiem tas-saħħa fil-qasam tal-emofilja.
- Aħżen u uża l-mediċina u l-prodotti għat-trattament skont l-istruzzjonijiet.
- Aħżen il-mediċina f’post li ma jistax jintlaħaq mit-tfal.

## X’m’għandekx tagħmel

- M’għandek tieħu l-ebda forma ta’ aspirina biex tnaqqas mill-uġigħ.
- M’għandekx tieħu ***nonsteroidal anti-inflammatory drugs (NSAIDs)*** mingħajr avviż mediku.
- Tiħux injezzjonijiet fil-muskoli. Meta jkun hemm bżonn ta’ xi tilqim, dan għandu jingħata taħt il-ġilda.














WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia

## Liema huma r-reazzjonijiet allerġiċi għal trattatment?

**Xi trattamenti jistgħu jikkawżaw reazzjoni allerġika li tista' tirriżulta f':**

- Deni
- Rogħda
- Raxx fil-ġilda

Normalment ir-reazzjonijiet ikunu ħfief. Jistgħu jmorru għall-aħjar bl-***antihistamines*** (mediċina li ħafna drabi tittieħed fil-forma ta' pilloli).

**Ikun hemm bżonn ta' għajnuna medika immedjata għal:**

- Diffikultà fin-nifs
- Tagħfis fis-sider









WFH
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FÉDÉRATION MONDIALE DE L'HÉMOPHILIE
FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
© World Federation of Hemophilia

## Liema informazzjoni għandha tkun dejjem mal-persuna li tbati bl-emofilja?

- Persuna bl-emofilja għandu jkollha dejjem magħha informazzjoni dwar saħħitha, li tinkludi t-tip ta' emofilja, it-trattament meħtieġ u l-allerġiji.
- Il-karta medika internazzjonali tingħata b'xejn mill-World Federation of Hemophilia. Tags li jissejħu Medic-Alert u Talisman jinbiegħu f'ċerti pajjiżi.


TALISMAN
SOS
TALISMAN




FEDERACIÓN MUNDIAL DE HEMOFILIA
WORLD FEDERATION OF HEMOPHILIA
FEDERATION MONDIALE DE L'HEMOPHILIE


MEDIC
ALERT®

# Minn fejn tista' ssib l-għajnuna jew tingħata parir dwar l-emofilja?

**Għajnuna u pariri jistgħu jingħataw minn:**

- Ħaddiema tas-saħħa li jaħdmu fil-qasam tal-emofilja.
- Organizzazzjonijiet marbutin mal-emofilja (li huma mniżżla fuq is-sit tal-WFH).
- Persuni oħra li għandhom l-emofilja u l-familji tagħhom (permezz ta' laqgħat jew linji tat-telefown).
- Pubblikazzjonijiet dwar l-emofilja.

